**14 ta' Frar, 1962.**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt. LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Agius

**Reat tal-Kap ta' Familja li jħalli l-Mara fil-Bżonn — Żregolatezza — Piena.**

*Raġel li ġie kundannat minn tribunal ċivili iħallas lill-martu u lill-uliedu li qegħdin magħha pensjoni alimentarja, u li jonqos milli jħallas dak il-manteniment għax ma jistgħax ilaħħaq bil-mezzi tiegħu minħabba li qiegħed jgħix ma' mara oħra, jikkommetti dik l-iżregolatezza li trid il-liġi għall-integrazzjoni tar-reat tal-kap ta' familja li jħalli lill-martu u lill-uliedu fil-bżonn.*

*Dan, però, hu reat konsistenti f'kontravvenzjoni punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet; u għalhekk mhix applikabbli għalieh il-piena tal-priġunerija, imma dik tad-detenzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli fin-Naxxar, f'dawn l-aħħar ġimgħat, ħalla lill-martu Maria u lit-tliet itfal minuri tiegħu fil-bżonn, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1961, li biha sabet lill-imputat ħati u kkundannatu xahar priġunerija;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ġie pruvat li l-appellant ma tax lill-martu, għaliha u għat-tliet uliedhom, li qegħdin magħha, il-manteniment kif ordnat mit-tribunal ċivili. Minbarra hekk, ġie wkoll pruvat li hu qed jgħix ma' mara oħra. Hu kellu mpjeg man-Navy, iżda telqu matul il-kawża tas-separazzjoni. Ma ġietx minnu mogħtija ebda raġuni għaliex telaq dak l-impjeg. Issa għandu ħanut ta' skarpan. Mhux inkapibbli li hu mhux qed ilaħħaq biex jagħti l-mantenimet lill-martu u lill-uliedhom, ladarba hu qed imantni wkoll mara oħra. Din l-imġieba tal-imputat tikkostitwixxi l-iżregolatezza li trid il-liġi sabiex tiġi ntegrata din il-kontravvenzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-piena tal-priġunerija, mogħtija mill-Ewwel Qorti, ma hijiex f'lokha, għaliex si tratta ta' kontravvenzjoni punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet li fosthom ma hemmx dik tal-priġunerija, iżda biss tad-detenzjoni;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti, fl-isperanza illi bit-trawwim tal-ħanut l-appellant jipperswadi ruħu jagħti l-manteniment lill-martu fir-rata stabbilita mit-tribunal ċivili, u fl-isperanza wkoll li hu ma jkomplix fil-ħajja ta' nfedeltà konjugali li qabad, u għalhekk, eventwalment, fl-interess ukoll tad-dipendenti tiegħu, sejra timmoderalu l-piena lilu nflitta mill-Ewwel Qorti, salv li tieħu in konsiderazzjoni f'kull ġudizzju eventwali ieħor esasperament tal-piena jekk hu, non ostante l-klemenza tal-Qorti f'dan il-każ, "auspicio emendationis", ikompli b'pertinaċja kriminuża, jikser il-liġi;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell fil-meritu, u tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata; b'dan illi, kwantu għall-piena, din tkun minflok ta' xahar priġunerija, ta' sitt ijiem detenzjoni.